# PATRI PAWLA O.F.M., MISSJUNARJA FL-ART IMQADDSA

Il-kbir Patrijarka San Franġisk ta' Assisi, il-ħelu u t-twajjeb fqajjar tal-Mulej, mixgħul u mifni minn ħsus ta' mħabba t'Alla, ħass il-ħtieġa li jsieħeb miegħu l-ħwejjeġ kollha tad-dinja, billi jistedinhom u jġagħalhom iduqu mill-ħass tal-qalb kbira tiegħu; għalhekk tefa' ħarstu fuq kollha kemm huma l-ħwejjeġ maħluqin mit-tjieba tal-Mulej, b'sempliċità kbira sellmil-



*Il-Qaddejja tal-Mulej Pawlina tal-Markisi Nicolay. Kbira Benefattriċi tas-Santwarju ta' Emmaus.*

hom bl-isem ħelu ta' "Ħija u Oħti." U hekk sejjaħ b'"Ħutu" lix-xemx, li ddawwal il-jum u s-saħħan l-art, lir-riħ, lill-arja, il-bnazzi, liċ-ċpar u lil kull temp, li bihom il-Mulej jipprovdi lill-bniedem kulma jinħtieġlu. U dan il-ġieh ta' l-isem ta' 'Oħtu' taħ ukoll lill-ilma li "**hi ħafna meħtieġa, li hi safja u prezzjuża**", lill-qamar u lill-kwiekeb, li "**imdawlin, prezzjużi u ta' ġmiel**", u saħansitra lill-mewt tal-ġisem, li **minnha ebda ħadd ma jista' jaħrab.**

Imma jekk għal ħlejjaq ta' bla de-hen San Franġisk kellu kliem ta' hekk għożża u stima, għax f'kull waħda minnhom kien jilmaħ atar tal-għerf, tal-qawwa u tat-tjieba tal-Mulej; għal dawk li huma tassew "Ħutu" huwa kien ħuġġieġa ta' mħabba safja: vitt-ma ta' karità għal Alla tiegħu, u mhux anqas għall-erwieħ kollha minn Alla maħluqa u mill-ħniena tiegħu mifdi-ja. U kienu ħutu Bernard u Silvestru,

Massew u Ljuni, Rufinu u Eġidju u mijiet ta' oħrajn; u saħansitra dawk il-ħallelin li huwa bi ftit kliem għaraf jimmansa u jbiddel f'qaddisin. U maħbubin ħutu kienu wkoll Klara u Anjeże, Ortulana u Benvenuta, Paċifika u Amata, Benedetta u Kristina, u oħrajn, u oħrajn ukoll.

Fost dawn imma n-nisa kollha msejħin 'Aħwa' tiegħu f'Ġesù Kristu, kien hemm waħda li hu kien isejħilha mhux bl-isem ta' 'oħtu', imma bl-isem ta' 'FRATE', qisu biex jagħżilha mill-oħrajn. Din kienet mara wisq magħrufa, għax kienet ta' demm nobbli u kienet iġġibu wisq lill-ħabibha Franġisku: kienet FRA JAKOPA TAS-SEBA' XMUX, minn Ruma, li għandha f'darha kien joqgħod it-twajjeb Fqajjar tal-Mulej kull meta jkun Ruma; hija Fra Jakopa, dik il-mara ħanina li telqet tiġri lejn Assisi b'tonka ġdida meħjuta minn idejha stess, sabiex tassisti fl-aħħar ta' ħajtu lill-ħabibha Franġisku; u b'dik it-tonka libbsitu, wara mewtu. Fra Jakopa, li l-fdalijiet ta' ġisimha, wara seba' mitt sena, mill-Bażilika Franġiskana ta' Assisi isfel ġew imqiegħda dan l-aħħar f'urna tar-rħam u mqegħdin quddiem il-qabar tal-qaddis ħabib tagħha, sabiex ma jkunux mifrudin fil-mewt dawk li kienu għexu f'ħajjithom marbutin bl-akbar imħabba qaddisa.

Għaddew fuq seba' sekli minn mindu miet il-Patrijarka Fra Franġisk ta' Assisi u Fra Jakopa tas-Seba' Xmux (settesoli) u min hemm 'il hawn mara oħra stħoqqilha li jkollha l-meqjum isem ta' Fra jew Frate, għax f'xewqitha sħiħa li timxi dejjem għall-ħajja ta' perfezzjoni reliġjuża riedet mhux biss tkun Bint Spiritwali tal-Qaddis tal-Pjagi, billi tipprofessa u tosserva r-Regula tat-Tielet Ordni tiegħu, imma riedet issir FRA fl-Ewwel Ordni Serafiku, billi tipprofessa r-Regula ta' dak l-Ewwel Ordni u tosserva b'reqqa l-liġijiet kollha tagħha b'dak l-ispirtu tas-Serafiku Patrijarka, li kienet hekk tħobb.

Din il-mara kienet is-Serva t'Alla PAWLINA TAL-MARKIŻI NIKOLAY, li f'Annecy, pajjiż tas-Savoia, kienet tħażżmet bil-kurdun ta' San Franġisk fit-Terz'Ordni tal-Penitenza u f'Assisi, ħdejn il-Qabar tal-Patrijarka għamlet il-Professjoni bħala Terzjarja Franġiskana. Dan l-att, li minnu nnifsu hekk solenni, deher wisq aktar solenni u mogħġub għat-twajba Pawlina de Nicolay minn dehra li kellha ta' l-istess Patrijarka San Franġisk, li feraħ lil din id-dixxipla tiegħu għal dak li għamlet waqt il-wegħda li jkun dejjem magħha biex iħarisha bħala missierha.

Għaddiet kienet xi sena, u fis-17 ta' Settembru 1862, jum sagru għat-tifkira tal-pjagi tas-Serafiku Patrijarka, waqt li Pawlina De Nikolay kienet waqfet għal ftit jiem hawn f'din il-gżira tagħna, Malta, imnebbħa mis-Sema, riedet u talbet lir-Rev.mu P. Bonaventura minn Solero, Kustodju ta' l-Art Imqaddsa (li wkoll inzerta hawn Malta), sabiex jilqa' 'l-Professjoni tagħha fir-Regola ta' l-EWWEL ORDNI Franġiskana, billi twiegħed lill-Mulej li tgħix għal dejjem matul ħajjitha f'safa' iżjed perfetta, fil-faqar aktar serafiku u f'ubbidjenza mingħajr qies lejn il-Mexxejja ta' l-Ordni Franġiskan, waqt li tosserva u twettaq dawk il-preċetti kollha b'kull reqqa u li jistgħu joqogħdu mal-kondizzjoni tagħha ta' mara; b'dik il-fehma u b'dik ir-rieda li tkun tassew "membru veru" ta' l-ewwel u tal-kbira familja ta' l-Ordni tal-Minuri.

Dan l-għamil ta' għotja tagħha nfusha għal kollox 'l Alla u lill-Ordni Serafiku, imwettaq u mseddaq fl-

idejn ta' dak, li f'dak iż-żmien kien il-Mexxej Ewlieni tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, kien hekk milqugħ mis-Sema, li f'din il-ħabta wkoll il-Missier Serafiku San Franġisk ma naqasx li jidher lil din il-kbira Bintu, li jkellimha, iberikha u jiżguraha li, bi privileġġ waħdieni, hu nnifsu jgħoddha bħala bintu tassew ma' wliedu l-oħra ta' l-Ewwel Ordni tiegħu.

Hawnhekk għandna wkoll nifhmu li hi, bis-sewwa kollu, ma baqgħetx iżjed Suor Pawla, imma saret tabilħaqq FRA PAWLA bil-professjoni tagħha fl-Ewwel Ordni Franġiskan.

Fra Pawla, bħala qima u ħajr 'l Alla għal din il-grazzja kbira li kellha, li tgħaddi mit-Tielet għall-Ewwel Ordni Franġiskan, baqgħet għal ħajjitha kollha tfakkar dik id-data solenni b'qima barranija, hekk, li fid-djarju tagħha — speċi ta' kalendarju, li fih imniżżlin l-aqwa ġrajjiet ta' ħajjitha — insibu mniżżel: "17 ta' Settembru: offerta solenni u ċaħda għal kollox tal-ħwejjeġ tad-dinja f'idejn San Franġisk Missieri; III konverżjoni . . . .'

Għandu wieħed jifhem, li din ta' Fra Pawlina De Nikolay ma kenitx xi għotja 'l Alla fuq fuq, imma għotja ta' kollox u tagħha nfisha; ċaħda ta' kull ma kellha u seta' jkollha, bħal dik l-istess ta' San Franġisk, li għex b'riġlejh fuq l-art, imma b'qalbu u ruħu fis-Sema, mingħajr ma qatt irid jaf bil-ħwejjeġ ta' l-art. U dan hu tabilħaqq l-ideal Franġiskan! . . . Fra Pawlina ssemmi fid-djarju t-tielet konverżjoni tagħha, jiġifieri t-tielet grazzja speċjali li kellha minn Alla l-istedina għall-qagħda ta' ħajja aktar għolja, u għalhekk għall-akbar perfezzjoni: grazzja tassew mill-akbar, li għaliha hi weġbitu bl-akbar qawwa u ħeġġa ta' ruħha.

Fra Pawlina hi tabilħaqq Oħtna, il-qaddejja tal-Mulej; Pawlina tal-Markiżi Nikolay, li wara sena mill-professjoni reliġjuża tagħha fl-Ewwel Ordni, mir-Rev.mu P. Kustodju tat-Terra Santa — P. Bonaventura minn Solero — u mill-Ven. Diskretorju tal-Kustodju, ġiet ukoll uffiċjalment imsieħba u aggregata fil-Kustodja tat-Terra Santa, u għalhekk, hi magħrufa bħala membru Missjunarju tal-pajjiż a' Ġesù, il-Palestina.

Hija kienet tat lill-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa kulma kellha u dak kollu li jista' jkollha b'wirt mill-familja (għonja ħafna) tagħha, il-Markiżi De Nikolay; kienet tat lilha nfisha, bil-ħidma kollha tagħha lill-Kustodju, imma l-iżjed għat-twaqqif u qawmien tas-Santwarju ta' Emmaus, li din kienet il-missjoni ewlenija fdata lilha mill-Privvidenza divina. Kienet saħansitra tmur titlob il-karità u tħabbat bieb bieb, u kienet tassew meqjusa, minn kull min kien jafha, bħala Fra ta' dik il-Missjoni.

Għalhekk, għandna nagħrfuha u nsejħulha mhux biss bl-isem ta' FRA PAWLINA, imma wkoll bl-isem ta' FRA PAWLINA, MISSJUNARJA TAT-TERRA SANTA.

U din it-twajba qaddisa Oħtna Fra Pawlina kienet tassew **veru Missjunarju,** mhux biss għax kienet tiddependi mill-Ordni u mill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, imma wkoll għax għal ħames snin għexet bil-ħobż tal-Kustodja, u l-iżjed, għax hi, bit-taħbit, bit-tgħakkis u b'sagrifiċċji bla qies qajmet u tat il-ħajja lil wieħed mill-aqwa għeżież Santwarji tal-Kustodja fil-Palestina.

U hekk l-isem ta' Fra Pawlina, din il-qaddejja tal-Mulej, mhux ġie mniżżel biss fis-sema iżda wkoll fl-art; u f'kull sena, fil-jum 9 tax-xahar ta' Ġunju — jum mewtha — fir-refettorji kollha ta' l-Art Imqaddsa titfakkar

l-opra tagħha tal-għaġeb, l-appostolat fejjiedi li wettqet u jinqara isimha ma' ta' dawk ħutha kollha li f'dak il-jum kienu ħallew id-dinja.

Oħtna Fra Pawlina De Nikolay f'ħajjitha u wara mewtha qalgħet bosta grazzji tal-għaġeb minn għand Alla għall-ġid ta' ħafna msejkna, li dawn għal dak li tassew huma nħalluhom fil-ġudizzju infallibbli ta' l-Awtorità tal-Knisja. L-Ordni tagħna iżda jistenna li l-isem ta' FRA PAWLINA DE NIKOLAY jiġi mniżżel fir-roll tal-Beati u tal-Qaddisin; u b'mod partikulari u bi dmir tagħha wkoll, l-iżjed bit-talb lill-Mulej, dan tixtieq li jiġri bla dewmien il-Kustodja Minoritika ta' l-Art Imqaddsa.

P. N. M.

# DRIEGĦ IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-ĠENS LĦUDI

*18. — Il-jasar tal-Lhud.*

Fi żmien Hwakim, is-sultan ta' l-artijiet tal-Lhud, Nabukkodonosor, is-sultan ta' Babilu, xteħet għal fuq innies tiegħu u ħakem fuqhom tliet snin; imbagħad Hwakim qam għalih u ħeles mill-ħaraġ li kien ħtieġlu jħallaslu dawn it-tliet snin. U l-Mulej bagħat il-kotra ta' ħallelin u nies ta' qattagħni mill-Kildija u mis-Sorija u l-karfa kollha ta' Moab u Ammon, u bagħathom iħarbtu l-artijiet tal-Lhud u kabarhom sewwa, u għamlulhom il-ħsara, kif kienu ħabbrulhom il-profeti, għaliex Alla ma kienx irid jaf bih aktar ġens il-Lhud.

U Nabukkodonosor bin-nies tiegħu niżel għal fuqhom biex iħarbat Ġerusalem, u ħakimha, u seraq u battal minn Dar Alla kemm deheb u fided u ġid li ltaqa' magħhom, u ġarr kollox miegħu fl-artijiet tiegħu. U jassar u karkar miegħu s-sultan Hwakim u l-kbarat u lin-nies kollha, u n-nies tas-snajja' u dawk li jaħdmu fil-fidda u lil ħadd warajh ma ħalla għajr il-miflugħin jew dawk li bihom ma seta' f'xejn jinqeda u ħadhom irsiera miegħu f'Babilu. U tagħhom b'Ħakem l-artijiet tal-Lhud, ħallielhom lil Mattanija, ħu missier Hwakim, u laqqmu SEDEĊIJA, li jfisser **Ħaqq ta' Alla.**

U dan Sedeċija dineb ukoll quddiem il-Mulej, xejn anqas minn missirijietu. U mbagħad qam għas-sultan ta' Babilu: u Nabukkodonosor raġa' niżel fuq Ġerusalem u dawwarha binnies tiegħu u damet indawra bin-nies tas-sultan ta' Babilu dwar is-sentejn: u beda jinħass il-ġuħ f'dik il-belt, u l-ġuħ aktar żdied u għafashom, għaliex issa l-ħobż naqsilhom għal kollox, u qabdu jieklu lil xulxin.

U Sedeċija u n-nies tiegħu, fid-dalma u l-ħemda tal-lejl, ħarġu mill-belt minn mogħdija li fetħu bil-moħbi fissswar u ġibdu lejn ix-xagħri. Imma l-għases tal-għedewwa, il-Kildin, lemħuhom, u telqu lkoll għal warajhom u laħquhom. U s-sultan ta' Babilu qatel ulied Sedeċija u lilu qalgħalu għajnejh u rabtu rabta ħadid u karkru miegħu f'Babilu. U ħarqu d-Dar t'Alla u d-djar kollha ta' Ġerusalem, u ħarbtu s-swar tal-belt u ħattewhom. U jassru l-bqija tan-nies, u warajhom ma telqux ħlief l-ifqar bdiewa, fosthom dawk li l-iktar jinqalgħu biex jaħdmu r-raba' u jħawlu d-dwieli.

A. M. G.